# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 9**

**Avviz numru 1323/99/SM**

**Emanuel Sammut**

**vs**

**Alfred u Pauline konjugi Bezzina**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Settembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikun ikkundannati:**

1. **Ihallsu lill-attur s-somma ta' tlitt mija u disgha u disghin lira Maltin (LM399.00,0) rapprezentanti bilanc parti minn somma akbar prezz ta' xogholijiet ta' twahhil ta' madum, tal-art u kamra tal-banju, liema xogholijiet saru fil-proprjeta' tal-konvenuti, u minkejja li interpellati sabiex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti fil-hlas;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Awissu 1999, dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatroju presentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax legali. B'hekk il-konvenuti jinsabu ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Settembru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

**1. Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet;**

**2. Illi l-kawza giet intavolata qabel ma l-konvenuti gew notifikati bl-ittra ufficjali;**

**3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess, l-bilanc mhux dovut ghaliex ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghaliex ma sarx qabel it-13 ta' Settembru, 1999 kif kien miftiehem;**

**4. Illi ghalhekk l-konvenuti nkorrew danni ghaliex kienu marbutin li jidhlu fil-post fejn saru x-xogholijiet u kellhom iqabdu lill-terzi biex ikomplu bix-xoghol;**

**5. Salvi eccezzjonjiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur isostni li kien gie ingaggat mill-konvenuti biex iwahhal kwantita' ta' madum f'fond proprjeta' ta' l-istess konvenuti;**

**2. Illi wara li l-partijiet ftehemu l-modalitajiet ix-xoghol beda f'Lulju ta' l-1999;**

**3. Illi pero' jirrizulta li stante c-cirkostanzi l-attur kien ordnat jibda x-xoghol f'kamra tal-banju fuq li ma kienitx parti mill-ftehim originali;**

**4. Illi peress li jirrizulta li naqas xi madum ix-xoghol kellu jkun interrott;**

**5. Illi sussegwentement l-attur inghata struzzjonijiet jghamel xoghol iehor li pero' minhabba nuqqas ta' madum dan ukoll kien interrott;**

**6. Illi l-attur isostni li meta mar biex ikompli x-xoghol kien gie msakkar barra u ma thalliex ikomplieh;**

**7. Illi finalment l-attur isostni li ghalkemm thallas in parte ta' xoghol ghad fadallu jiehu l-ammont ta' tlett mija u tmienja u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM398.50,0) mill-konvenuti u ghalhekk kellu jirrikorri ghal din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**1. Illi l-konvenuti jsostnu li kienu ftehemu ma' l-attur biex jghamlilhom xoghol ta' twahil ta' madum wara li kienu baghtu lill-istess attur jara l-madum li riedu;**

**2. Illi l-konvenuti kienu ppressati b'limitazzjonijiet tal-hin u qalghu l-madum li kellu jinqala huma stess;**

**3. Illi in effetti kienu nfurmaw lill-attur li riedu li x-xoghol ried ikun lest sa l-ahhar t'Awissu ta' l-1999 u dan gie accettat mill-istess attur li beda x-xoghol fl-ahhar gimgha ta' Lulju;**

**4. Illi x-xoghol involut kien zewg kmamar tal-banju, wahda minnhom akbar mill-ohra; sular isfel; garaxx u gnien quddiem u wara tad-dar;**

**5. Illi meta l-attur beda x-xoghol bdew ukoll id-diffikultajiet;**

**6. Illi d-diffikultajiet kienu principalment rigward il-qtugh ta' madum peress li ma kellux il-makkinarju adatt u grouting kompletament hazin u mhux accettabbli;**

**7. Illi f'okkazzjoni minnhom il-konvenuti hallsu lill-attur l-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), bhala akkont;**

**8. Illi ghalkemm kien hemm diversi divverbji bejn il-partijiet ix-xoghol xorta tkompla sakemm il-partijiet ma felhux aktar u ma riedux jafu aktar b'xulxin;**

**9. Illi ghalhekk il-konvenuti qed jirrifjutaw ihallsu d-differenza mitluba;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi attitudini bhal dik riskontrata mill-partijiet m'hi ghaqlija xejn u din il-qorti tiskonsiljha;**

**Illi ghalkemm l-attur ipprezenta kont relattiv ghax-xoghol minnhu allegat pero' dan ma jistax jintlaqa' in toto minn din il-qorti stante d-diversi nuqqasijiet riskontrati mill-konvenuti li ghandhom ikunu l-unici arbitri ta' dan ix-xoghol ghaliex huma qed ihallsu ghalieh;**

**Illi ghandu jinghad ukoll li m'hux ghaqlija lanqas l-attitudini tal-konvenuti li jizgumbraw lill-attur b'dan il-mod  u jirrifjutaw li jghamlu tajjeb ghal dak ix-xoghol li ghalkemm sussegwentement korrett minn haddiehor xorta jibqa' in parte maghmul mill-attur;**

**Fin-nuqqas ta' provi sodi din il-qorti jkollha tiddeciedi l-vertenza arbitro boni viri biex tipprova taghmel gustizzja maz-zewg partijiet li t-tnejn jirrizultaw li ghandhom xi forma ta' raguni kif fuq indikat;**

**Ghaldaqstant din il-qorti taqta' u tiddeciedi li l-konvenuti jhallsu lill-attur kwart mis-somma minnhu mitluba,**

**precizament l-ammont ta' mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), ghax-xoghol minnhu maghmul wara li ma baqghux jirrikonoxxu l-ezistenza ta' xulxin, bl-ispejjez jinqasmu wkoll ghall-kwart ghall-konvenuti u tlett kwarti ghall-attur.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**